**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 235/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Brandon Carl Farrugia**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Brandon Carl Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 276394M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' 20:24hrs fi Triq l-Imdina, Ħaz-Zebbuġ, waqt li kien qed isuq vettura nru. IBR-013:

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
2. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.
3. Saq l-imsemmija vettura bi speed eċċessiv.
4. Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tiegħu meta naqas li jagħmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tiegħu jew jaqbeż vettura oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' April 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru 2 u 3, wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet numru 1 u 4 u għalhekk immultatu is-somma ta' erba' mitt euro (€400). Fuq talba tal-imputat, il-Qorti ordnat li l-multa tkun pagabbli f'għaxar pagamenti mensili ugwali (Kap. 9 Art. 14(2)). B'zieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65, il-Qorti

skwalifikat lill-imputat milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant, Brandon Carl Farrugia, ippreżentat fil-25 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura fit-18 ta' April 2023 f'dik il-parti fejn hu ġie lliberat minn xi akkużi u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn instabet ħtija sabiex b'hekk huwa jiġi lliberat minn kull akkuża..

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 26 ta' Settembru 2023.

Semgħet ix-xiehda tal-appellant Brandon Carl Farrugia.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju kontenut fir-rikors ta'l-appell, l-appellant jilmenta illi huwa ma kkometta ebda infrazzjoni tal-liġi skont kif jirriżulta mid-deposizzjoni tiegħu stess u li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni huma neqsin minn kwalunkwe dettall u ma jilħqux il-grad tal-prova minnha mistennija u għalhekk, jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija fil-konfront tiegħu għall-ewwel u ir-raba' imputazzjonijiet.

Illi huwa minnu illi l-provi li hemm fl-atti huma piuttost skarni minn kwalunkwe dettal u jikkonsistu unikament fix-xiehda ta' PC 64 Tonio Sultana u dik tal-appellant li jagħtu żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin. Illi l-Qorti kellha x-xorti tisma' x-xiehda tal-appellant billi din ma kenitx traskritta fl-atti. Illi minn eżami tal-*affidavit* ta' PC 64 Tonio Sultana, jirriżulta li nhar it-2 ta' Novembru 2022, għall-ħabta ta' 20:24hrs, l-istess kuntistabbli kien qed jagħmel ronda ġewwa Triq l-Imdina,

Ħaz-Zebbuġ, fejn innota vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni IBR-013 "**fejn din l-istess vettura kienet għaddeja fuq il-karreġjata opposta tiegħi b'veloċita' eċċessiva kif ukoll beda jaqbes vetturi oħra mingħajr ma xegħel l-indicator**". Huwa kompla jistqarr li dar u saq għal wara din il-vettura u meta irnexxielu jwaqqafha, talab lis-sewwieq id-dokument tal-liċenzja, fejn irriżulta li l-istess sewwieq kien filfatt l-appellant odjern.

Illi l-appellant, għalkemm jikkontesta il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn dan il-kuntistabbli, madanakollu ma jitlobx biex l-istess jitressaq għall-kontro-eżami fit-termini ta'l-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali:

**(1) ….. u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**
**Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558**
**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**

Illi mbagħad il-piż li għandha tingħata lil din l-evidenza permezz tal-proċedura tal-*affidavit* hija mfissra fis-subartikolu 2 meta jingħad:

**(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Jikkonsewgi illi ġialadarba ma sar ebda kontro-eżami tad-deposizzjoni tal-kuntistabbli Sultana kwindi, fit-termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali appena ċitat, l-*affidavit* ipprezentat mill-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa kkunsidrat

ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod li kieku huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti.

Issa, l-appellant jagħti il-verżjoni tiegħu tal-fatti. Jiċħad illi fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni meta huwa twaqqaf mill-pulizija kien qed isuq b'xi veloċita' eċċessiva jew li kien qed jagħmel il-manuvri indikati fl-*affidavit* tal-kuntistabbli. Jikkontendi illi kien qed isuq bi speed 'normali' u kellu lil ibnu ta' tlett snin fil-vettura. Igħid illi ma jafx għalfejn waqqfuh il-pulizija u li kienet vettura oħra tal-għamla *Porsche* li għaddiet minn miegħu bi speed qawwi u mhux hu, tant illi fil-fatt il-vettura tal-pulizija sewgiet lil din il-karozza, iżda mbagħad dawwret u waqqfet lilu.

Illi l-kuntistabbli Sultana imkien ma jsemmi li kien hemm xi vettura oħra li kienet qed tiġi sewgieta mill-pulizija. Anzi igħid illi innota l-vettura tal-appellant taqbeż vetturi oħra u għalhekk dawwar u segwieha sakemm waqqafha u meta talab id-dettalji lix-xufier irriżultalu li dan kien proprju l-appellant. Minn naħa tiegħu l-appellant ma jagħmel xejn biex jipprova jiskossa din l-evidenza u kwindi ma jistax jitwemmen meta igħid illi l-pulizija segwew vettura oħra u mhux lilu, imbagħad dawwru u ġew għal fuqu għal xejn b'xejn. Illi għaldaqstant il-verżjoni tal-kuntistabbli Sultana hija iktar attendibbli u din il-Qorti ma tqiesx li għandha titbiegħed mill-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti la fuq bażi fattwali u lanqas legali.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant għal perijodu ta' tmint ijiem jibda jiddekorri minn għada fil-għodu fid-9:00a.m, u bit-terminu konċess għal ħlas tal-multa inflitta mill-Ewwel Qorti jibda jiddekorri mill-aħħar ta' Mejju 2024, bil-ħlasijiet sussegwenti jsiru fl-aħħar ta' kull xahar.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**